# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 33/1993 MH**

**Illum, 20 TA' Jannar, 2020.**

**Carmelo Farrugia u l-Avukat Dottor Malcolm Pace bħala diretturi u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Pabros Limited u l-Avukat Dottor Malcolm Pace f' ismu proprju**

**vs**

**Emanuel A. Bonello, li b' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Novembru 2015 ġiet ordnata t-trasfuzjoni tal-ġudizzju f'isem Jennifer Bonello Cole (K.I. 816050M), Shirley Coppini (Passaport Awstraljan P.A. 1039424) u Carl Bonello Cole (K.I. 201278M) f'ismu proprju u bħala kontrollur tas-soċjetajiet Malta & Europe Hotels Limited, Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited u allegatament bħala kontrollur tas-soċjeta' Pabros Limited; u b'nota tat-18 ta' Mejju 2006, Raymond Gatt għan-nom tad-ditta "Gatt Galea & Co", wara li ddikjara li l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, b' ittra tagħha tal-11 ta' Dicembru 2002, innominathom bħala l-Kontrollur il-ġdid tal-Bank of Industry Commerce and Agriculture Ltd kif ukoll ta' Pabros Limited**

**minflok il-kontrollur pendenti Emanuel A. Bonello, li assumew l-atti tal-kawza flok l-istess; u Stewart William George Elliott, Robert Van-Jin Nien u David Robinson bħala diretturi u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Grand Hotel Excelsior Limited għal kull interess li jista' jkollhom u b' nota tat-23 ta' April 1993, l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, assuma l-atti tal-kawża bħala Mandatarju Speċjali tal-assenti Stewart William George Elliott, Robert Van-Jin Nien u David Robinson, bħala diretturi u għan-nom u in rappresentanza tas-soċjeta' Grand Hotel Excelsior Limited; u b' digriet tat-18 ta' Mejju 2006 ġie kjamat fil-kawża il-Gvern ta' Malta kif rappreżentat mill-Ministru tal-Finanzi kif ukoll mill-Avukat Ġenerali u b' nota tat-28 ta' Frar 2012, MGI Malta qed tassumi l-atti minflok il-kontrollur Dr Carmelo Mifsud Bonnici.**

**Il-Qorti:**

Rat **iċ-ċitazzjoni tal-atturi tat-13 ta' Jannar 1993** li permezz tiegħu esponew:

*"Peress illi Carmelo Farrugia u Dottor Malcolm Pace huma diretturi u rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited; u*

*Peress illi l-Avukat Dottor Malcolm Pace huwa azzjonista tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited; u*

*Peress illi fit-30 ta' Settembru 1991 il-konvenut Emanuel A. Bonello nomine biegħ u ittrasferixxa il-lukanda Grand Hotel Excelsior lis-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited inkluż id-drittijiet kollha tas-soċjeta' Pabros Limited; u*

*Peress illi b' kuntratt tat-2 ta' Dicembru 1970 is-soċjeta' Malta & Europe Hotels Limited Kienet tat b'titolu ta' lokazzjoni il-lukanda Grand Hotel Excelsior Limited lis-soċjeta' attriċi Pabros Limited; u*

*Peress illi l-ħatra tal-konvenut Emanuel A. Bonello u tal-predeċessur tiegħu kienet ġiet u għadha kontestata permezz ta' proċeduri legali li għadhom pendenti quddiem il-Qrati tagħna stante illi l-ħatra ma tikkonformax skond ir-rekwiżiti tal-Liġi, hija nulla u mingħajr ebda effett u inoltre is-soċjeta' attrici m' għandhiex tagħti flus lil ebda bank; u*

*Peress illi l-atturi proprio et nomine ikkontestaw l-allegat terminazzjoni tal-istess lokazzjoni fuq imsemmija liema proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Qrati tagħna stante illi l-predeċessur ta' Emanuel A. Bonello bħala allegat kontrollur tas-soċjeta' Pabros Limited ma kellu ebda dritt legali li jammetti t-talba li biha kienet ġiet mitluba t-terminazzjoni tal-lokazzjoni minħabba allegat morosita' ineżistenti fil-pagament tal-kera, liema aġir kien ultra vires it-terms of reference tal-ħatra tiegħu u fuq kollox kien frawdulenti fil-konfront tas-soċjeta' minnu allegatament rappreżentata u partikolarment fir-rigward tal-kredituri u tal-azzjonisti tas-soċjeta' Pabros Limited; u*

*Peress illi l-konvenut Emanuel A. Bonello nomine ipproċeda biex ibiegħ u jittrasferixxi l-lukanda Grand Hotel Excelsior lis-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited nonostante l-eżistenza tal-kontestazzjoni tiegħu bħala kontrollur tas-soċjeta' Pabros Limited kif ukoll il-kontestazzjoni tal-allegat terminazzjoni tal-lokazzjoni in kwistjoni bi frodi għad-drittijiet tas-soċjeta' Pabros Limited liema proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Qrati tagħna; u*

*Peress illi l-konvenut Emanuel A. Bonello ipprova ibiegħ saħansitra id-drittijiet kollha li s-soċjeta' Pabros Limited għandha fil-lukanda in kwistjoni u dana anke mingħajr konsiderazzjoni stabbilita u speċifikata mill-partijiet kontra d-*

*disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u senjatament tal-Artikoli 1346, 1347, 1352 et seq; u*

*Peress illi presumibilment il-konvenut Emanuel A. Bonello ġie maħtur bħala kontrollur fis-soċjetajiet Malta & Europe Hotels Limited; G H E Limited u il-kumpaniji l-oħra assoċjati stante illi huwa il-kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited; u*

*Peress illi is-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited permezz tar-rappreżentanti tagħha kienu jafu bil-kontestazzjonijiet dwar il-ħatra tal-kontrollur kif ukoll dwar l-allegat terminazzjoni tal-lokazzjoni li għadhom sub judice meta daħlu għal kuntratt ta' xiri.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti m' għandhiex għar-raġunijiet fuq imsemmija:*

*Tiddeċiedi u tiddikjara l-kuntratt ta' bejgħ u trasferiment tat-30 ta' Settembru 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro null u mingħajr ebda effett skond il-liġi.*

*B' riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi inkluż dik għad-danni kif ukoll għad-drittijiet fundamentali tagħhom ta' natura kostituzzjonali, u li jaqgħu fl-ambitu tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat **in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuel A. Bonello proprio et nomine tat-22 ta' Marzu 1993**[1] li permezz tagħha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

[1] Fol 11 et seq

1. *"Preliminarjament in-nullita' taċ-ċitazzjoni stante li hija priva minn kwalsiasi kawżali.*

2. *Illi in kwantu id-domandi huma proposti mill-atturi bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Pabros Limited dawn għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes stante li Carmelo Farrugia u Dr Malcolm Pace ma għandhomx ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' attriċi billi din tinvesti esklussivament f' isem il-kontrollur tagħha ai termini tal-Liġi.*

3. *Illi bla preġudizzju għall-premess in kwantu l-azzjoni hija diretta mill-istess soċjeta', kif rappreżentata, in vista tal-fatt illi, kif jallegaw l-istess atturi fil-premessi taċ-ċitazzjoni tagħhom, il-validita' tan-nomina tal-kontrollur hija sub judice, allura isegwi illi l-azzjoni attriċi hija intempestiva billi għad ma hemmx pronunzjament definittiv minn dawn il-Qrati dwar il-validita' o meno tal-ħatra tal-Kontrollur presenti u preċedenti tal-istess soċjeta' Pabros Limited. Fil-mertu comunque, il-fatti allegati mhumiex korretti.*

4. *Illi bla preġudizzju għall-premess in kwantu l-azzjoni attriċi hija diretta mill-attur Dr Malcolm Pace personalment jirriżulta li huwa ma għandu ebda interess ġuridiku fl-eżitu tal-azzjoni attriċi li hija intiża biex tiddikjara null il-kuntratt ta' trasferiment tal-lukanda Grand Hotel Excelsior li dwarha is-soċjeta' Pabros Limited, li tagħha l-attur Dr Malcolm Pace huwa azzjonista, seta' kellha dritt ta' lokazzjoni li mhux dritt reali u kwindi huwa personalment ma għandu ebda interess ġuridiku fl-istess lukanda.*

5. *Illi bla preġudizzju għall-premess in kwantu l-azzjoni attriċi hija intavolata kontra l-eċċipjenti personalment din hija insostenibbli billi l-esponenti personalment ma trasferixxa xejn u kull ma għamel għamlu fil-kapaċita' tiegħu ta' kontrollur tas-soċjetajiet kontraenti, in fatti ma hemmx premessa waħda taċ-ċitazzjoni li tista' tallaċċja lill-esponenti fil-kwalita' tiegħu personali ma'*

*dak kollu allegat mill-atturi u għalhekk l-esponenti fil-kwalita' tiegħu personali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*6. Illi bla preġudizzju għall-premess, ammettendo għall-grazzja ta' l-argument illi kull ma qegħdin jallegaw l-atturi, kieku għandhom dritt li jallegawh, huwa korrett u għandu mill-verita', ma jista' qatt iwassal biex jiġi dikjarat null u mingħajr ebda effett skond il-Liġi il-kuntratt tat-30 ta' Settembru 1991.*

*7. Illi f' kull każ illum il-lukanda in kwistjoni ġiet demolita u resa al suolo u kwindi kwalsiasi drittijiet li talvolta seta' kellha is-soċjeta' attriċi illum jinsabu estinti stante li spiċċa l-oġġett li kien suġġett (allegatament) għall-kirja favur l-imsemmija soċjeta'.*

*8. Salvi eċċezzjonijiet oħra."*

Rat **in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli tat-23 ta' Marzu 1993**[2] li permezz tagħha eċċepixxa:

*"1. Preliminarjament illi l-atturi nomine ma jgawdux ir-rappresentanza ġuridika tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited għaliex din tinsab vestita skond il-liġi fil-konvenut Emanuel A. Bonello nomine bħala kontrollur tal-istess soċjeta'.*

*2. Preliminarjament ukoll, u bla preġudizzju għal fuq eċċepit, illi l-Avukat Dottor Malcolm Pace bħala azzjonista tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited ma għandu l-ebda dritt ta' azzjoni f'ismu proprju skond il-liġi.*

[2] Fol 17 et seq

*3. Preliminarjament, ukoll u bla preġudizzju għal fuq eċċepit, stante l-fatt illi l-validita' tan-nomina tal-kontrollur tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited għadha 'sub iudice', l-azzjoni odjerna hija intempestiva.*

*4. Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, il-ħatriet sew tal-konvenut Emanuel A. Bonello kif ukoll tal-predeċessur tiegħu bħala kontrolluri tas-soċjeta' Pabros Limited huma korretti u validi skond il-Liġi.*

*5. Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, it-terminazzjoni tal-lokazzjoni li kellha s-soċjeta' attriċi Pabros Limited tal-lukanda Grand Hotel Excelsior kienet ukoll valida skond il-Liġi, iżda ċioe' nonostante f' kull każ kwalunkwe drittijiet lokatizji li setgħu kienu għadhom vestiti fiha ġew validament ittrasferiti mill-konvenut Emanuel A. Bonello bħala kontrollur tas-soċjeta' Pabros Limited lis-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited permezz tal-kuntratt in lite.*

*6. Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, billi t-trattazzjoni ta' dina l-kawża tiddependi fuq l-esitu finali taż-żewġ kawżi riferiti mill-atturi proprio et nomine fiċ-ċitazzjoni tagħhom jidher illi jkun aktar opportun illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tissoporassjedi sakemm jingħataw is-sentenzi finali relattivi fl-istess żewġ kawżi.*

*7. Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, f' kull każ illum il-lukanda Grand Hotel Excelsior li fuqha s-soċjeta' attriċi tippretendi li għad għandha drittijiet lokatizji ġiet għal kollox imwaqqa' u għalhekk kwalsiasi drittijiet lokatizji saru estinti bħala konsegwenza tad-distruzzjoni totali tal-ħaġa li fuqhom setgħu esistew.*

*8. Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, il-konvenut Emanuel A. Bonello nomine kellu kull dritt illi jittrasferixxi kwalunkwe drittijiet lokatizji li setgħet kellha s-*

*soċjeta' attriċi fuq il-lukanda u l-provvediment rilevanti tal-Kodiċi Ċivili rigwardanti l-bejgħ ma ġewx miksura skond kif allegat.*

9. *Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, il-fatt illi s-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited kienet taf meta daħlet għall-kuntratt ta' xiri tal-lukanda Grand Hotel Excelsior bl-esistenza tal-kontestazzjonijiet pendenti quddiem dawn il-Qrati ma jaffettwa bl-ebda mod il-validita' tal-kuntratt in lite.*

10. *Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, l-esistenza ta' kwalsiasi drittijiet a favur l-atturi proprio et nomine rigwardanti l-lukanda Grand Hotel Excelsior bl-ebda mod ma jista' jaffettwa l-validita' tat-trasferiment tad-drittijiet reali fuq l-istess lukanda mis-soċjeta' konvenuta Malta & Europe Hotels Limited a favur tas-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited.*

11. *Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, il-Gvern ta' Malta iggarantixxa a favur tas-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited l-validita' tal-ħatra tal-konvenut Emanuel A. Bonello nomine fuq il-kuntratt in lite u għalhekk hemm lok sabiex l-istess Gvern ta' Malta jiġi kkjamat in Kawża bħala konvenut għal kull interess illi jista' jkollu.*

12. *Salvi eċċezzjonijiet oħra ulterjuri u sussegwenti."*

Rat **is-sentenza tagħha tad-29 t'Ottubru 1993**[3] permezz ta' liema ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Emanuel Bonello noe dwar in-nullita' taċ-ċitazzjoni fuq il-motiv li ċ-ċitazzjoni hija prevja minn kwalsiasi kawżali;

[3] Fol 47 et seq

Rat **in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-kjamati in kawża Ministru tal-Finanzi u l-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Awwissu 2006**[4] li permezz tagħha ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*"1. Illi fl-ewwel lok l-Avukat Ġenerali m' huwiex il-leġittimu kuntradittur stante illi ai termini ta' l-Artikolu 181B (2) tal-Kap 12 l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika jirrapreżenta lill-Gvern biss f' ċirkustanzi fejn it-talba attriċi ma tkunx tista' tiġi diretta kontra xi wieħed jew iżjed mill-kapijiet tad-Dipartiment tal-gvern. F' dan il-każ preżenti pero', jidher li l-garanzija msemmija fir-rikors ta' Grand Hotel Excelsior Limited allegatament ingħatat mill-Gvern permezz tal-Ministeru tal-Finanzi.*

*2. Illi fit-tieni lok, stante li ai termini ta' l-Artikolu 181B (1) 'il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:', fil-każ odjern huwa d-Direttur għall-Implimentazzjoni ta' Programmi li għandu jigi mħarrek minflok il-Ministru tal-Finanzi.*

*3. Illi inoltre minkejja li l-Kontrollur konvenut f' din il-kawża ġie maħtur mill-eċċipjenti Ministru tal-Finanzi, l-istess Kontrollur ingħata awtonomija sħiħa mil-Liġi fl-isvolġiment tar-rwol li nħatar biex jiżvolġi, u l-eċċipjent m' għandu ebda sehem minn jew kontroll fuq id-deċiżjonijiet li setgħu ittieħdu mill-imsemmi Kontrollur fil-qadi ta' dmirijietu.*

*4. Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, l-atturi ma għadx għandhom il-jedd bil-liġi li jirrapreżentaw il-kumpanija Pabros Limited. Il-konvenut Kontrollur ta' Pabros Limited ġie maħtur regolarment fir-rwol tiegħu taħt l-Att*

[4] Fol 172 et seq

*dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 215 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk l-istess kumpanija tinsab taħt l-Awtorita' sħiħa tiegħu. Għaldaqstant, huwa biss il-Kontrollur li jista' jkollu l-jedd iniedi azzjonijiet f' isem il-kumpannija u ebda persuna oħra, anke jekk qabel din setgħet kienet involuta fit-tmexxija tal-kumpannija in kwistjoni.*

*5. Illi kwalunkwe każ, il-bini tal-lukanda Grand Hotel Excelsior kien ġie imwaqqa' u għaldaqstant l-oġġett tal-kawża, ċioe' il-lukanda li oriġinarjament kienet suġġetta għall-kirja a favur ta' l-atturi, m'għadux iktar jissussisti.*

*6. Illi inoltre fi kwalunkwe każ huwa m'għandux ibati spejjeż."*

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet.

Rat **ir-rapport tal-Perit Legali Dr Ramona Frendo**[5], inkarigata mill-Qorti fid-19 t'April 2007.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet u n-Noti ta' Kritika għar-rapport tal-perit legali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-atturi, *qua* diretturi u rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited u l-Avukat Dottor Malcolm Pace bħala azzjonist tas-soċjeta' msemmija intavolaw il-proċeduri odjerni fejn għar-raġunijiet minnhom indikati fl-att promotur qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara null u mingħajr ebda effett skond il-liġi l-kuntratt ta' bejgħ u trasferiment tat-30 ta' Settembru 1991 permezz ta' liema l-Kontrollur

[5] Fol 258 et seq

Emanuel A. Bonello *noe* kien biegħ u ittrasferixxa il-lukanda Grand Hotel Excelsior lis-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited inkluż id-drittijiet kollha tas-soċjeta' Pabros Limited.

Il-konvenuti u l-kjamati in kawża, apparti diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fil-mertu rrespinġew il-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## A. XHIEDA

1. Xehed **l-attur Dr Malcolm Pace**[6] li esibixxa rapport li għamel il-Kontrollur Emanuel A. Bonello dwar il-Bank of Industry Commerce and Agriculture tal-1987 u li anness miegħu hemm lista tal-avvanzi tal-*overdraft* li kien hemm mill-Bank lejn is-soċjetajiet assoċjati mal-Bank[7]. Huwa qal li skont dik il-lista s-soċjeta' Pabros Ltd ma kellha l-ebda dejn mal-Bank. Qal ukoll li meta ġie maħtur l-ewwel Kontrollur Dr Karmenu Mifsud Bonnici kienet ġiet kontestata l-ħatra tiegħu fil-Qrati u dawk il-kawżi għadhom pendenti. Meta mbagħad dan kien ġie sostitwit u ġie nominat is-sur Emanuel Bonello minfloku, is-soċjeta' attriċi kkontestat ukoll il-ħatra tiegħu. Waħda minn dawn il-kawżi effettivament ġiet deċiża xi żmien ilu u kienet saret kawża oħra li ġiet deċiża wkoll in parte fil-konfront tas-sur Bonello u għadha pendenti fil-konfront tal-Ministru tal-Finanzi. Iżda fiż-żewġ kawżi kien għadu ma ġiex deċiż il-punt jekk il-ħatra tal-Kontrollur f'din is-soċjeta' hix valida jew le.

Ix-xhud żied jgħid li fit-2 ta' Diċembru 1970 is-soċjeta' attriċi Pabros Ltd kienet ħadet il-lukanda Grand Hotel Excelsior b'titolu ta' lokazzjoni għal madwar 150 sena mingħand is-soċjeta' Malta & Europe Hotels Ltd b'kera ta' Lm64,500 (€150,244.58) fis-sena. Fl-1973 is-soċjeta' Malta & Europe Hotels Ltd kienet istitwiet proċeduri kontra s-soċjeta' Pabros Ltd fejn kienet talbet illi l-lokazzjoni tiġi dikjarata bħala terminata minħabba morożita' fil-pagament tal-kera. Dik il-kawża, li kienet għadha *sub-judice* quddiem il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Darmanin vs Mifsud" kienet ġiet kontestata mis-soċjeta' Pabros Ltd fuq żewġ binarji – (i) għax kien hemm tpaċċija mal-ammont dovut bħala kera peress li kien hemm klawsola fil-kuntratt ta' lokazzjoni li tgħid li meta tiġi konsenjata l-lukanda kellha tiġi kompletata entro data, u kien hemm penali d-doppju tal-kera jekk dan

[6] Fol 63 et seq
[7] Fol 80 et seq

ma jseħħx; u (ii) kien hemm ukoll sekwestru b'ordni tal-Qorti biex is-soċjeta' Pabros Ltd ma tħallasx il-kera lil Malta & Europe Hotels minħabba numru konsiderevoli ta' kredituri li kellha din tal-aħħar u li kienet waslet fi stat ta' falliment. Bejn l-1974 u l-1977 Dr Carmelo Mifsud Bonnici kien daħal bħala Kontrollur kemm f'Pabros Ltd u anke fil-Malta & Europe Hotels Ltd. Kien kemm attur kif ukoll konvenut fl-istess kawża u f'April 1977, għan-nom tas-soċjeta' konvenuta Pabros Ltd ammetta t-talba tas-soċjeta' attriċi u b'hekk ingħatat is-sentenza mill-Qorti fis-sens li kien hemm terminazzjoni tal-kirja.

Ix-xhud insista li Pabros Ltd ma kellhiex tagħti flus lill-Bank u sa dakinhar li kien qed jixhed ma kienet saret ebda talba mingħand ebda Kontrollur biex isir xi ħlas. Anke jekk għal grazzja tal-argument kien hemm *overdraft*, il-ħatra ta' Kontrollur kienet proprju biex jiġu salvagwardjati l-interessi kemm tad-depożitanti, azzjonisti u kredituri tas-soċjetajiet konċernati kif ukoll tal-Bank. Mentri llum is-sitwazzjoni hi li l-istess persuna hija Kontrollur tal-Bank u fl-1972 kienet ukoll il-Kontrollur tas-soċjetajiet konċernati.

Qabel l-1977 kien ġie nominat Dr Fenech Adami, li wara sar Prim Ministru, bħala sekwestratarju ġudizzjarju biex jagħmilha ta' persuna mparzjali bejn iż-żewġ soċjetajiet rigward l-amministrazzjoni tal-lukanda. Eventwalment Dr Mifsud Bonnici, meta sar kemm attur kif ukoll konvenut fl-istess kawża kien talab li tiġi terminata l-ħatra ta' sekwestratarju ġudizzjarju u ħa t-tmexxija tal-lukanda f'idejh.

Ix-xhud xehed ukoll li minn *accounts* li saru tal-lukanda sa dik id-data meta kien hemm it-terminazzjoni tal-kirja effettivament kien hemm xi sena tajba ħafna fejn il-profitt akkumulat kien ta' aktar minn Lm1,000,000 (€2,329,373). Minn *accounts* li raw, irriżultalhom li dawn il-figuri kienu qegħdin jiġu akkreditati lis-soċjeta' Pabros Ltd u mill-banda l-oħra dik l-istess soċjeta' kienet qed tiġi debitata bil-kera ta' kull sena għal dawk il-ħames snin inkorsi.

Eventwalment meta saru xi *accounts* mill-konvenut Emanuel Bonello rriversja l-pożizzjoni, sar telf sostanzjali illi biha l-lukanda spiċċat tilfet kważi Lm2,000,000 (€4,658,746). Fl-aħħar il-Kontrollur kien wasal fi stat fejn għalkemm kien hemm diġa' tentattivi biex il-lukanda tiġi mibjugħa, għal xi raġuni dawn qatt ma ġew finalizzati. Finalment pero' kien sar konvenju mal-konvenuti l-oħra Grand Hotel Excelsior Ltd li wara xtraw il-lukanda permezz tal-kuntratt mertu tal-proċeduri. Ix-xhud kompla jgħid li fiż-żmien qabel ma sar il-kuntratt finali il-Kontrollur kien effettivament keċċa lill-ħaddiema kollha mill-lukanda għax qal li ma kienx hemm flus biżżejjed biex jitħallsu l-pagi tagħhom.

L-attur xehed ukoll li għal xhur sħaħ kien hemm struzzjonijiet speċifiċi fil-lukanda biex ma jaċċettaw l-ebda bookings għall-akkomodazzjoni u anke għar-receptions fil-lukanda. Qal li meta mbagħad sar il-bejgħ fil-kuntratt ta' Settembru 1991 il-Kontrollur mhux biss ipproċeda biex ibiegħ l-art jew il-bini imma anke d-drittijiet ta' lokazzjoni.

L-attur qal li meta saru dawn it-transazzjonijiet mill-Kontrollur tas-soċjeta' attriċi, jekk verament kien hemm xi ammont dovut lill-Bank minn Pabros Ltd, l-obbligu tiegħu kien li jiġbor u jgħaddi dak ir-rikavat sabiex jissodisfa d-debiti li kellha mal-Bank.

L-attur xehed ukoll quddiem il-Perit Legali[8] fejn ikkonferma li fid-data li ġiet mibjugħa l-lukanda Excelsior permezz tal-kuntratt ta' bejgħ impunjat f'dawn il-proċeduri, l-lukanda kienet għadha mibnija u ġiet trasferita mhux biss l-art iżda wkoll il-bini tal-lukanda li kien hemm, liem bini sussegwentement is-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Ltd, waqqgħet u reġgħet bniet a spejjeż tagħha. Skont ċertifikat ta' żewġ periti arkitetti il-bini tal-lukanda ġie ċertifikat bħala wieħed f'kundizzjoni tajba mhux biss fl-1972 iżda wkoll diversi snin wara sal-1992.

Huwa qal li sat-30 ta' Settembru 1991 meta sar il-kuntratt ta' bejgħ in kwistjon kien hemm is-segwenti kawżi pendenti –

a. Ċit Nru 1042/73 – Lawrence Darmanin et noe vs Marcel Mifsud et

b. Ċit Nru 875/74 – Carmelo Farrugia noe et vs Ministeru tal-Finanzi et

ċ. Ċit Nru 520/77 – Carmelo Farrugia et vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici et

d. Ċit Nru 263/86 - Carmelo Farrugia noe et vs Ministeru tal-Finanzi et

e. Ċit Nru 1587/92 - Carmelo Farrugia noe et vs Emanuel Bonello et

2. Xehdet **Dr Claudette Fenech, konsulent legali mar-Reġistru tal-Kumpaniji fl-MFSA**[9] li esibiet dikjarazzjoni li tindika l-azzjonisti u d-diretturi tas-soċjeta'

---

[8] Fol 279 et seq

[9] Fol 195

Pabros Ltd preżentament u dikjarazzjoni li tindika l-azzjonisti u d-Diretturi tas-soċjeta' Grand Hotel Excelsior Ltd aġġornata.

3. Xehed **Paul Xerri, pensjonant u ex-impjegat mal-Ministeru tal-Finanzi**[10] li qal li dwar il-kwistjoni tal-Bical fuq inkarigu tal-Ministru ġieli organizza laqgħat bejn il-Kontrollur Bonello u Dr Malcolm Pace u s-sur Cecil Pace. Għal dawn il-laqgħat ġieli kien ikun preżenti Dr Joseph A. Schembri jew il-Profs. Refalo. Pero' ma kien jaf xejn dwar il-ħatra tal-Kontrollur f'Pabros Ltd. Huwa qal li kien deher fuq il-kuntratt tat-30 ta' Settembru 1991 mertu ta' dawn il-proċeduri u dan in rappreżentanza tal-Ministeru tal-Finanzi. Qal li qabel ma deher fuq il-kuntratt imsemmi ħadd mill-Ministeru ma kien spjegalu l-kontenut tiegħu iżda kull ma qalulu kien li kellu jidher fuq il-kuntratt bħala rappreżentant tal-Ministeru. Ix-xhud qal li lanqas ma kien involut fin-negozjati li saru rigwardanti dan il-kuntratt u għalhekk ma kienx f'qagħda li jwieġeb dwar kif il-partijiet l-oħra waslu għall-prezz imsemmi fih.

4. Xehed **Dr Kevin Dingli**, fil-kwalita' tiegħu skont l-atti ta' dawn il-proċeduri[11] li qal li kien preżenti bħala avukat tal-Grand Hotel Excelsior Ltd meta ġie ffirmat il-kuntratt mertu tal-proċeduri odjerni. Mistoqsi speċifikament jindika dwar kemm kien konsiderazzjoni għad-drittijiet ta' lokazzjoni huwa qal li għalkemm il-kuntratt kien fih prezz globali li jinkludi d-drittijiet imsemmija fid-domanda, pero' ma kienx hemm *breakdown* tas-somma. Dan billi l-Kontrollur kien jippretendi illi d-drittijiet lokatizji ġew terminati, pero' f'każ illi kellu jiġi ritenut minn xi Qorti li dawn id-drittijiet kienu għadhom viġenti fiż-żmien tal-kuntratt, allura dawn kienu nkużi fil-bejgħ u l-prezz ta' dawk id-drittijiet kien inkluż fil-prezz globali u kellu jiġi determinat bil-mezz li jipprovdi l-Kodiċi Ċivili stess.

Id-drittijiet lokatizji, jekk kienu jappartjenu, kienu jappartjenu lil Pabros Ltd u fil-fatt Emanuel Bonello kien deher ukoll fuq il-kuntratt fil-vesti tiegħu ta' Kontrollur ta' dik is-soċjeta' u kien iggarantixxa l-validita' tal-ħatra tiegħu bħala Kontrollur ta' Pabros Ltd.

Ix-xhud qal li jaf li fiż-żmien qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni kien hemm proċeduri għad-dikjarazzjoni tat-terminazzjoni tal-kirja li ġew ammessi

[10] Fol 195 et seq
[11] Fol 201 et seq

mill-Kontrollur ta' dak iż-żmien, Dr Karmenu Mifsud Bonnici. Huwa jaf li mis-sentenza sussegwenti għall-ammissjoni kien sar appell tat-terz iżda kien għadu pendenti fl-appell fiż-żmien li ġie ffirmat il-kuntratt pero' x'ġara mill-appell ma jafx.

5. Xehed **il-konvenut Raymond Gatt in rappreżentanza tad-ditta konvenuta Gatt Galea & Co**[12] li stqarr li mill-kariga uffiċjali tiegħu huwa seta' jikkonkludi li d-drittijiet lokatizji kienu jappartjenu lil Pabros Ltd u li l-azzjonisti reġistrati ta' Pabros Ltd kienu l-avukat Malcolm Pace b'499-il sehem u Christine Podesta nee Pace, b'sehem wieħed. Mistoqsi x'kien il-bilanċ fl-*overdraft account* ta' Pabros Limited ma' Bical fil-25 ta' Novembru 1972 [data' ta' għeluq tal-Bical Bank], ix-xhud impenja ruhu illi jivverifika l-*audited accounts* sabiex jagħti dina l-informazzjoni fis-seduta li kien imiss.

Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti u qal li dawn sabhom fil-*files* ta' Malta Europe & Hotels Limited, u li huwa ma jaf xejn personalment dwarhom peress illi kollox kien sar qabel il-hatra tad-ditta Gatt, Galea & Co. Bħala Kontrolluri [illi ġiet appuntata fl-1 ta' Jannar 2003].

6. Xehed **Joseph Croker**, Direttur Ġenerali *Support Services* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi prodott mill-atturi[13], illi pprometta illi jivverifika min kienet il-persuna idonea sabiex tixhed dwar il-kuntratt esebit a fol. *23 et seq*. tal-proċess. Wara li saru dawn il-verifiki Croker ikkonferma illi huwa kien inkarigat minn dina l-kwistjoni għan-nom tal-Ministeru tal-Finanzi, liema kwistjoni tifforma parti mis-*Support Services* li tagħha huwa Direttur. Ix-xhud kompla jgħid illi d-Direttur għall-Implimentazzjoni tal-Programmi, li dak iż-żmien kienet Audrienne Callus Randich, kienet tfforma parti mid-Diviżjoni tax-xhud. Minħabba li fiż-żmien li x-xhud ġie nominat biex jieħu l-*files*, kien għad m'hemmx din id-Direttur, l-*files* tal-Bical għaddew f'idejn ix-xhud.

F'xhieda ulterjuri li ta, is-Sur Croker eżebixxa xi dokumenti u qal li ma sabx kopja ta' l-istess konvenju fil-*files* tal-Ministeru u lanqas ma sab dokument formali mit-Teżor jew mid-Direttur tal-Kuntratti, dwar l-estensjoni tal-*closing date* tat-tender.

[12] Fol 280 et seq
[13] Fol 282 et seq

7. Xehed ukoll f'dawn il-proċeduri **Stewart Elliot** bil-lingwa Ingliża, prodott mill-atturi[14], li stqarr li sar jaf bil-possibilta' li tinxtara l-Hotel Excelsior minn riklam f'gazzetta, waqt li kien qiegħed għal żjara Malta. Eventwalment saret offerta ssiġillata mix-xhud illi kien inkariga lil Dottor Kevin Dingli sabiex jieħu ħsieb ix-xogħħol legali konness ma' din il-kwistjoni. Ix-xhud insista illi hu ma kienx jaf kemm-il offerta kienet saret minn persuni oħra. L-offerta tax-xhud ġiet aċċettata kompletament. Mistoqsi jekk kienx jaf bil-kawżi pendenti konnessi ma' din il-lukanda, ix-xhud wieġeb illi hu ma qagħadx jidħol fid-dettall ta' dan il-kawżi, peress li kienu ħalla x-xogħol legali f'idejn Dottor Dingli. Il-Gvern ħa madwar sentejn sabiex jikkonkludi l-affarijiet, iżda x-xhud kompla jgħid illi kumanija tiegħu kienet involuta fi proġetti oħra f'Hong Kong u allura ma tax wisq każ ta' dan id-dewmien peress li ħass li, wara kollox, dawn l-affarijiet jieħdu ż-żmien. Ix-xhud ikkonferma li l-offerta kienet ġiet mitfugħa f'isem Tileman & Co. Ltd., iżda l-bejgħ attwali sar lill-kumpanija illi ġie imwaqqfa apposta għax-xiri ta' din il-lukanda wara li l-offerta ġiet aċċettata. Din il-kumpanija ġdida kellha l-istess azzjonsti li kellha Tileman & Co. Ltd. Ix-xhud għamilha ċara illi l-offerta tagħħom ma kienet soġġetta għall-ebda tip ta' kundizzjoni. Qal ukoll illi l-lukanda kienet inbniet biss xi għoxrin sena qabel id-data meta hu raha, iżda l-kundizzjoni ta' l-istruttura tal-konkrit tal-lukanda, skond ix-xhud kienet miżera u fi stat perikoluż. Ix-xhud stqarr li jiftakar illi l-Gvern kien ta garanzija konnessa mal-pożizzjoni tal-Kontrollur.

8. Xehed **Tonio Fenech, fl-epoka Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi**[15], li meta mistoqsi jekk kellux xi konnessjoni mal-kwistjoni tal-Bical stqarr li l-unika konnessjoni li qatt kellu kien madwar sentejn u nofs qabel ix-xhieda mogħtija fejn kien iltaqa' separatment ma' Cecil Pace u Michael Pace li riedu jkellmuh dwar il-kwistjoni. Ix-xhud kien konxju li kien hemm żmien meta l-Gvern kien ipprova jgħaddi liġi sabiex din il-kwistjoni tiġi riżolta iżda din kienet ġiet kontestata u nqatgħet li l-Gvern ma setax jilleġisla fir-rigward. B'hekk il-proċeduri tħallew jieħdu l-kors tagħhom. Huwa qal li l-Gvern ma jistax jimponi fuq id-depożitanti u jgħidilhom biex jirrinunzjaw għad-dritt li huma għandhom għall-interessi iżda l-ftehim irid isir ma' kulħadd.

**Ikkunsidrat:**

[14] Fol 283 et seq
[15] Fol 284 et seq

Fil-proċeduri odjerni ssemmew numru ta' proċeduri oħrajn istitwiti bejn il-partijiet jew uħud minnhom li għal skopijiet prattiċi u għall-aħjar gwida tal-istess Qorti, dawk l-aktar saljenti sejrin jiġu sintesizzati kif ġej -

a. **Kavallier Lawrence Darmanin et noe vs Marcel Mifsud et (Ċit Nru 1042/73)** – Is-socjeta` attriċi kienet tat b'titolu ta' lokazzjoni l-Grand Hotel Excelsior Floriana bil-pertinenzi tiegħu kollha lis-soċjeta` konvenuta bil-kera ta' LM64,500 fis-sena jitħallas kull tlett xhur bil-quddiem. In vista ta' allegata morożita' fil-ħlasijiet tal-kera, l-atturi ntavolaw dawn il-proċeduri bil-għan jirriprendu l-pussess ta' l-istess lukanda u l-konvenuti noe jiġu kundannati jiżgumbraw minnha. **B'sentenza tal-21 ta' Ġunju 1982** l-allura Qorti tal-Kummerċ kienet laqgħet it-talbiet attriċi noe u ghalhekk (1) iddikjarat lill-konvenut nomine morus fil-hlas ta' erba' trimestri kera kif indikati fiċ-ċitazzjoni; (2) iddikjarat risoluta l-istess lokazzjoni tal-Grand Hotel Excelsior; (3) awtorizzat lill-atturi nomine jirriprendu l-pussess ta' l-istess lukanda; u (4) ikkundannat lill-konvenuti nomine biex fi zmien xahar jiżgombra mill-istess lukanda u jikkonsenja c-cwievet kollha fl-istess zmien. Kien sar appell minn dik is-sentenza iżda **b'sentenza datata 24 ta' Settembru 2004** l-Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Prim Istanza għajr għall-akkoljiment t'appell inċidentali rigwardanti l-ispejjeż tal-kawża.

b. **Carmelo Farrugia noe et vs Ministeru tal-Finanzi et (Ċit Nru 875/74)** – f'dik il-kawża l-atturi kienu talbu lill-Qorti tiddikjara li n-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 617 tal-1974 – permezz ta' liema l-pubbliku ġie avżat illi l-Onor. Ministru konvenut ordna illi l-Avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici jkollu s-setgħat, l-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpanija "Pabros Ltd", bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra, u illi dan l-Avukat għandu jirrealizza l-attiv tal-istess kumpanija - hija nieqsa minn rekwiżiti essenzjali skond il-liġi. Talbu wkoll li l-istess Notifikazzjoni titqies inneffikaċi, nulla u bla ebda effett u per konsegwenza Dr. Mifsud Bonnici kellu jiġi inibit milli jeżerċita kwalunkwe setgħa, funzjoni jew dmir li jappartjeni lil Pabros Ltd. B'sentenza tas-27 ta' Frar 2004 il-Qorti kienet ċaħdet dawk it-talbiet, liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 2007.

c. **Carmelo Farrugia et vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici et (Ċit Nru 520/77)** – Din il-kawża saret sabiex tattakka l-validita' tal-ħatra tal-Kontrollur Dr Mifsud Bonnici. L-atturi qegħdin jallegaw li l-konvenut kien ġie nominat Konttrollur tal-

Bank of Industry, Commerce and Agriculture u peress li l-istess Bank kellu nteress f'Pabros Ltd huwa kien qed jingħata s-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet kollha marbua ma' l-istess kumpanija. Skont l-atturi iżda, il-Bank of Industry, Commerce and Agriculture la qatt kellu u lanqas għandu nteress dirett jew indirett f'Pabros Ltd u għalhekk in-nomina tal-Kontrollur kienet invalida. Din il-kawża għadha pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta u hija differita għall-21 ta' Frar 2020

**d. Christine Podesta' et vs Emanuel Bonello et (Ċit Nru 162/89) –** din il-kawża kienet ġiet deżerta quddiem l-ewwel Qorti u wara kien sar appell li pero' ġie ċedut f'Ġunju 2003 minn Dr Malcolm Pace.

**e. Christine Podesta' et vs Onor Ministru tal-Finanzi et (Ċit Nru 639/89) -** f'dik il-kawża l-atturi kienu talbu lill-Qorti tiddikjara li n-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 654 tal-1985 – permezz ta' liema l-pubbliku ġie avżat illi l-Onor. Ministru konvenut ordna illi Emanuel Bonello jkollu s-setgħat, l-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-kumpanija "Pabros Ltd", bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra, u għandu jirrealizza l-attiv tal-istess kumpanija - hija nieqsa minn rekwiżiti essenzjali skond il-liġi. Talbu wkoll li l-istess Notifikazzjoni titqies inneffikaċi, nulla u bla ebda effett u per konsegwenza Bonello kellu jiġi inibit milli jeżerċita kwalunkwe setgħa, funzjoni jew dmir li jappartjeni lil Pabros Ltd. B'sentenza tas-12 ta' Ottubru 1992 il-Qorti kienet ċaħdet dawk it-talbiet, liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001.

f. **Carmelo Farrugia noe et vs Emanuel Bonello et (Ċit Nru 1587/92)** – L-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara illi l-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited m'għandu l-ebda interess, la dirett u lanqas indirett, fil-kumpanija Pabros Limited; u tiddikjara u tiddeċiedi per konsegwenza illi l-ordni fuq imsemmija moghtija mill-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u Dwana dwar l-istess Pabros Ltd hi nulla u minghajr ebda effett. B'sentenza tat-23 ta' Ġunju 1994 il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi, liema sentenza ġiet ukoll konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 2001.

## B. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

In vista tal-fatt li hemm numru ta' eċċezzjonijiet preliminari li tressqu mill-konvenuti, l-ewwel sejrin jiġu trattati dawn l-istess eċċezzjonijiet.

Jiġi nnutat li **l-ħdax -il eċċezzjoni tal-konvenut Kevin Dingli noe** dwar il-kjamat in kawża tal-Gvern ta' Malta ġiet sorvolata bid-digriet tat-18 ta' Mejju 2006 u għalhekk ma hemm ebda lok li l-Qorti tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

i. **<u>Eċċezzjonijiet dwar l-intempestivita' tal-azzjoni</u>**

**It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel A. Bonello pro et noe** tgħid hekk -

*"Illi bla preġudizzju għall-premess in kwantu l-azzjoni hija diretta mill-istess soċjeta', kif rappreżentata, in vista tal-fatt illi, kif jallegaw l-istess atturi fil-premessi taċ-ċitazzjoni tagħhom, il-validita' tan-nomina tal-kontrollur hija sub judice, allura isegwi illi l-azzjoni attriċi hija intempestiva billi għad ma hemmx pronunzjament definittiv minn dawn il-Qrati dwar il-validita' o meno tal-ħatra tal-Kontrollur presenti u preċedenti tal-istess soċjeta' Pabros Limited. Fil-mertu comunque, il-fatti allegati mhumiex korretti."*

**It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Dr Kevin F. Dingli** hija fuq l-istess binarji u tgħid hekk -

*"Preliminarjament, ukoll u bla preġudizzju għal fuq eċċepit, stante l-fatt illi l-validita' tan-nomina tal-kontrollur tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited għadha 'sub iudice', l-azzjoni odjerna hija intempestiva."*

Kif irriżulta mill-atti u anke kif osservat mill-perit legali Dr Ramona Frendo saru diversi proċeduri legali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-ħatra tal-Kontrollur, senjatament dawk Ċit Nri 875/1974, 162/89, 639/89 u 520/77 li għalihom saret referenza fis-suespost.

Skont il-perit legali Dr Frendo, din il-Qorti għandha tilqa' dawn l-eċċezzjonijiet. Hija osservat li mill-kawżi msemmija, dik Ċit Nru 520/77 għadha pendenti u in kwantu f'dawk il-proċeduri qegħda tiġi attakkata l-validita' tal-ħatra tal-Kontrollur filwaqt li l-kawża odjerna bbażawha fuq l-istess invalidita' tal-ħatra tal-Kontrollur, l-atturi *"legalment..kellhom jistennew l-eżitu ta' dik il-kawża illi effettivament hija premessa essenzjali għat-teżi attriċi għall-każ odjern*[16]*."*

Naturalment, u kif jipprovdi **l-artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta -**

*"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."*

Kif ingħad fil-każ **Alfred Mangion et vs Dr Riccardo Farrugia et deċiż fil-25 ta' Ġunju 2010 -**

*"Huwa biżżejjed evidenti li dan l-artikolu jagħti awtorita` sħiħa lill-Qorti li tiddistakka ruħha mir-rapport peritali u timxi fuq il-konvinzjonijiet tagħha."*

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li hija ma' tikkondividix mal-perit legali dwar din il-konklużjoni tagħha.

Fl-ewwel lok jiġi sottolineat bħala fatt li l-kawża odjerna ilha li ġiet intavolata circa 26 sena u ħadd mill-konvenuti matul is-snin ma nsista li tiġi trattata u deċiża din l-eċċezzjoni sa mill-bidu nett tal-proċeduri. Anzi l-partijiet baqgħu regolarment għaddejjin bil-provi kollha fil-mertu matul dawn is-snin kollha. Fil-fatt jista jingħad li minħabba t-trapass konsiderevoli taż-żmien, l-eċċezzjoni ta' intempestivita', waħda dilatorja, illum tilfet it-tempo tagħha[17].

Ukoll hija l-fehma ta' din il-Qorti li s-sustanza tal-kawża odjerna meħuda fit-totalita' tagħha ma hijiex dipendenti mill-eżitu ta' proċeduri oħra. L-ilmenti tal-atturi huma primarjament li **nonostante** l-eżistenza tal-kontestazzjoni tiegħu bħala kontrollur tas-soċjeta' Pabros Limited kif ukoll il-kontestazzjoni tal-allegat terminazzjoni tal-lokazzjoni tal-lukandi bi frodi għad-drittijiet tas-soċjeta' Pabros Limited liema proċeduri kienu dak iż-żmien, kif għadhom illum, pendenti

[16] Fol 298 et seq

[17] Eccezzjoni li hi ta' natura dilatorja u ghalhekk kellha tingħata filbidu tal-proċess (ara sentenza **Carmelo Spiteri vs Luqa Ellul**, Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Mejju 1965, Volum XLIX.iii.1161)

quddiem il-Qrati, l-konvenut Emanuel A. Bonello nomine xorta pproċeda biex ibiegħ u jittrasferixxi l-lukanda Grand Hotel Excelsior lis-soċjeta' konvenuta Grand Hotel Excelsior Limited mingħajr il-konsiderazzjoni stipulat kif trid il-liġi. It-talba tal-atturi hija għalhekk immirata lejn l-aġir innifsu tal-Kontrollur li wettaq dan il-bejgħ u fil-fatt it-talba hija sabiex dak il-kuntratt ta' bejgħ li sar fit-30 ta' Settembru 1991 jiġi dikjarat null u mingħajr ebda effett skond il-liġi. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li, purche' jiġu sorvolati l-eċċezzjonijiet preliminari rimanenti, ma hemm ebda ostaklu sabiex hija tiddeċiedi dwar il-pretensjonijiet attriċi a bażi tal-provi mressqa fil-kawża senjatament billi testabilixxi jekk jikkonkorrux jew le r-rekwiżiti meħtieġa skont il-liġi għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ in kwistjoni.

**Għalhekk il-kawża odjerna ma hijiex intempestiva u t-tielet eċċezzjoni rispettivament imressqa mill-konvenut Emanuel A. Bonello pro et noe u Dr Kevin F. Dingli sejrin jiġu miċħuda.**

ii. **<u>Eċċezzjoni dwar is-soprasessjoni tal-kawża</u>**

**Is-sitt eċċezzjoni tal-konvenut Dr Kevin F. Dingli noe** tgħid hekk –

*"Illi bla preġudizzju għal fuq eċċepit, billi t-trattazzjoni ta' dina l-kawża tiddependi fuq l-esitu finali taż-żewġ kawżi riferiti mill-atturi proprio et nomine fiċ-ċitazzjoni tagħhom jidher illi jkun aktar opportun illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tissoporassjedi sakemm jingħataw is-sentenzi finali relattivi fl-istess żewġ kawżi."*

Għar-raġunijiet indikati minnha fir-rapport tagħha, l-perit legali Dr Ramona Frendo waslet għall-konklużjoni li din l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa'.

Il-Qrati tagħna dejjem użaw kawtela kbira qabel ikkonċedew soprasessjoni f'kawża u dan in vista tar-riperkussjonijiet li din inevitabilment iġġib magħha. Infatti din il-miżura tintuża biss f'każijiet eċċezzjonali. Ingħad hekk fil-każ **John Debono et vs Mario Buhagiar et deċiż fil-21 ta' Jannar 2016 -**

*"Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*

*Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;*

*Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju" li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf;*

*Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni in eżami m'għandhiex tintlaqa'. Kif diġa' ddeċidiet fir-rigward tal-eċċezzjoni

rigwardanti l-intempestivita', is-sustanza tal-kawża odjerna meħuda fit-totalita' tagħha ma hijiex dipendenti mill-eżitu ta' proċeduri oħra u għalhemm ma hemmx raġuni valida biex liġi biex ikun hemm soprasessjoni.

Dan oltre l-fatt li qatt ma kien hemm insistenza da parte tal-konvenut li ressaqha sabiex din l-eċċezzjoni tiġi deċiża fil-bidu tal-proċeduri u għalhekk, fi kwalunkwe każ, fuq skorta tal-ġurisprudenza ċitata mill-perit legali f'paragrafu 12 tar-rapport tagħha[18], il-konvenut Dr Dingli noe huwa tenut li rrinunzja għaliha in vista tat-trapass taż-żmien. Jiġi nnutat li din kienet il-pożizzjoni li jidher li ħa Dr Dingli noe meta żmien wara li kien sar ir-rapport peritali, l-atturi ntavolaw rikors fit-3 ta' Marzu 2014[19]fejn talbu huma stess is-soprasessjoni tal-proċeduri odjerni sakemm tiġi deċiża l-kawża Ċit Nru 520/77. B'risposta tat-13 ta' Marzu 2014[20] l-istess Dr Kevin Dingli noe kien f'dak l-istadju oppona għat-talba tal-atturi u waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2014[21] huwa kien spjega li dak dikjarat minnhom dwar il-konnessjoni tal-kawża odjerna mal-kawżi l-oħra kien japplika biss għaż-żmien li ngħatat l-eċċezzjoni.

Għal fini ta' kompletezza jiġi nnutat ukoll li eventwalment saret referenza waqt is-seduti għal proċeduri oħra Rik Nru 1146/13 fl-ismijiet **Malcolm Pace vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici pro et noe** li huma wkoll pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta u li huma differiti għat-28 ta' Frar 2020. Il-proċeduri 520/77 qegħdin jistennew l-eżitu tal-proċeduri 1146/13. Din il-Qorti wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar dan il-punt waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru 2018[22] kienet iddeċidiet li ma hemmx lok li l-kawża odjerna tistenna l-kawża l-oħra u ordnat is-smiegħ tal-proċeduri li f'dak l-istadju kienu waslu għall-finali trattazzjoni. Ċertament fiż-żmien daqshekk inoltrat li issa jinsabu dawn il-proċeduri, l-għoti ta' deċizzjoni finali, żgur ukoll li mhux opportun li tintlaqa' l-eċċezzjoni n eżami.

[18] Fol 301
[19] Fol 368
[20] Fol 372
[21] Fol 377
[22] Fol 416 et seq

**Għalhekk is-sitt eċċezzjoni tal-konvenut Dr Kevin F. Dingli noe sejra tiġi miċħuda.**

iii. **<u>Nuqqas ta' rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' Pabros Ltd</u>**

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Dr Kevin F. Dingli noe** tgħid hekk -

*"Preliminarjament illi l-atturi nomine ma jgawdux ir-rappresentanza ġuridika tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited għaliex din tinsab vestita skond il-liġi fil-konvenut Emanuel A. Bonello nomine bħala kontrollur tal-istess soċjeta'."*

**It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel A. Bonello noe** tgħid hekk -

*"Illi in kwantu id-domandi huma proposti mill-atturi bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Pabros Limited dawn għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes stante li Carmelo Farrugia u Dr Malcolm Pace ma għandhomx ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' attriċi billi din tinvesti esklussivament f' isem il-kontrollur tagħha ai termini tal-Liġi."*

**Ir-raba' eċċezzjoni tal-kjamati in kawża Ministru tal-Finanzi u l-Avukat Ġenerali** tgħid hekk –

*"Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, l-atturi ma għadx għandhom il-jedd bil-liġi li jirrapreżentaw il-kumpanija Pabros Limited. Il-konvenut Kontrollur ta' Pabros Limited ġie maħtur regolarment fir-rwol tiegħu taħt l-Att dwar il-*

*Kummerċ Bankarju (Kap. 215 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk l-istess kumpanija tinsab taħt l-Awtorita' sħiħa tiegħu. Għaldaqstant, huwa biss il-Kontrollur li jista' jkollu l-jedd iniedi azzjonijiet f' isem il-kumpannija u ebda persuna oħra, anke jekk qabel din setgħet kienet involuta fit-tmexxija tal-kumpannija in kwistjoni."*

Il-Qorti rat il-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet li għamlet il-perit legali Dr Frendo fir-rigward ta' dawn l-eċċezzjonijiet u tabbraċċjahom fl-intier tagħhom.

Infatti kif tajjeb qalet il-perit legali, dan il-punt diġa' ġie trattat u deċiż mill-Qrati tagħna. Qalet hekk il-Qorti tal-Appell fil-każ **Christine Podesta' et noe et vs Ministru tal-Finanzi et (Ċit Nru 639/1989) -**

*"Ma kien hemm l-ebda dubbju illi sakemm ma jiġix stabbilit ġudizzjarjament proprju f'azzjoni tax-xorta intavolata fil-preżenti istanza, illi l-konvenut Bonello ma kienx ġie validament maħtur kontrollur tas-soċjeta' li tagħha l-konvenut appellant kien Direttur u r-rappreżentanza ġuridika tal-istess soċjeta' ex lege kienet vestita unikament fl-istess kontrollur. Rappreżentanza ġuridika li kienet ukoll neċessarjament testendi għar-rappreżentanza di stare in gudizio. Kien ovvju illi l-atturi nfushom kienu qegħdin jitilqu mill-premessa illi kien il-konvenut Bonello illi kien bil-liġi nominat biex jikkontrolla, u allura jirrappreżenta, lis-socjeta' li tagħha l-appellant kien Direttur tant li huma qegħdin jikkontendu li tali nomina saret illegalment.*

*Filwaqt li hu minnu illi l-liġi ma tiżvestax direttament lid-Diretturi validament nominati mill-ħatra tagħhom mhux eskluż li dawn jibqa' jkollhom relazzjoni mal-azzjonisti tas-soċjeta', ċertament il-liġi kienet eżawtorat lill-istess Diretturi minn kull forma ta' awtorita' fl-amministrazzjoni tas-soċjeta' jew fir-rappreżentanza ġuridika tagħha. Ma setgħux allura l-istess Diretturi jaġixxu ġudizzjarjament qua rappreżentanti tal-istess soċjeta' għax dawn ġew bil-liġi espressament eżawtorati milli hekk jagħmlu. Żgur allura illi l-atturi Pace u Farrugia ma kellhom ebda jedd illi jaġixxu ġudizzjarjament għan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attriċi.*

Fil-każ **Carmelo Farrugia et noe vs Onor Ministru tal-Finanzi u Dwana et (Ċit Nru 875/74)** il-Qorti qalet hekk –

*"........l-ordni mogħtija mill-Ministru fil-11 ta' Settembru 1974, kif ċitata testwalment aktar il-fuq, tispeċifika li l-poteri u l-funzjonijiet mogħtija lill-konvenut Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, fost liema kien hemm ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta', "shall be exercisable by and vest in the said Dr. Carmelo Mifsud Bonnici to the exclusion of any other person".*

*"Dan ifisser li Carmelo Farrugia u Malcolm Pace fil-kwalita' tagħhom ta' direttur tal-imsemmija Pabros Limited ma setgħux jintavolaw l-azzjoni odjerna fl-interess ta' Pabros Limited stante li ai termini tal-ordni ministerjali kien biss l-Avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici li kellu r-rappreżentanza ġuridika tal-imsemmija soċjeta' u li kwindi seta' jintavola tali azzjoni."*

Fid-dawl ta' din il-każistika l-Qorti tasal għalhekk għall-konklużjoni li l-atturi fil-proċeduri odjerni ma jistgħux jitqiesu li għandhom ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' Pabros Ltd. Dan għaliex ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' msemmija hija vestita fil-Kontrollur maħtur skont il-liġi.

Fin-Nota ta' Kritika tagħhom għar-rapport tal-perit legali l-atturi jargumentaw li s-sentenzi appena kwotati ma japplikawx għall-kawża odjerna li fil-fehma tagħhom hija differenti u bbażata fuq ċirkustanzi oħra. Huma jgħidu wkoll li għalkemm *prima facie* l-ordni mogħtija mill-Ministru fil-11 ta' Settembru 1974 u dik sussegwenti għall-ħatra tal-kontrollur vestiet ir-rappreżentanza ġuridika fil-Kontrollur u eżawtorat lill-istess diretturi, il-liġi ma tiżvestix direttament lid-diretturi validament nominati mill-ħatra tagħhom, speċjalment meta l-istess Kontrollur bħala "*wrongdoer in control of the company, is acting counter to the interests of the company as a whole and to the interests of the shareholders."*

B'referenza għal din il-pożizzjoni tal-atturi il-Qorti tissottolinea li l-prinċipji legali dwar ir-rappreżentanza ġuridika huma uniformi u kuntrarjament għal dak pretiż mill-atturi odjerni, l-kunsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti fiż-żewġ kawżi appena ċitati japplikaw fl-intier tagħhom għall-każ tal-lum. Jiġi ribadit li l-fatt waħdu li <u>fil-mument li ġew intavolati l-proċeduri odjerni</u> Pabros Ltd kellha rappreżentanza ġuridika vestita unikament fil-persuna tal-Kontrollur awtomatikament jeskludi kull persuna oħra minn tali rappreżentanza inkluż għalhekk id-diretturi tal-kumpanija li f'dak l-istadju kienet tneħħitilhom kwalunkwe rappreżentanza ġuridika ta' Pabros Ltd. Dan indipendentement mill-

fatt li hemm proċeduri legali separati għaddejjin fejn qed tiġi attakkata l-validita' tal-ħatra tal-istess Kontrollur. Li hu żgur hu li mill-mument li nfetħet il-kawża odjerna sal-lum ma hemm ebda prova li l-Kontrollur ma nħatarx validament u għalhekk l-argumentazzjoni tal-atturi ma treġix.

**Għalhekk l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' Pabros Ltd sejrin jintlaqgħu.**

iv. <u>**Nuqqas ta' nteress ġuridiku ta' Dottor Malcolm Pace f'ismu proprju**</u>

**Ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel A. Bonello noe** tgħid hekk -

*"Illi bla preġudizzju għall-premess in kwantu l-azzjoni attriċi hija diretta mill-attur Dr Malcolm Pace personalment jirriżulta li huwa ma għandu ebda interess ġuridiku fl-eżitu tal-azzjoni attriċi li hija intiża biex tiddikjara null il-kuntratt ta' trasferiment tal-lukanda Grand Hotel Excelsior li dwarha is-soċjeta' Pabros Limited, li tagħha l-attur Dr Malcolm Pace huwa azzjonista, seta' kellha dritt ta' lokazzjoni li mhux dritt reali u kwindi huwa personalment ma għandu ebda interess ġuridiku fl-istess lukanda."*

**It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Dr Kevin F.Dingli** tgħid hekk -

*"Preliminarjament ukoll, u bla preġudizzju għal fuq eċċepit, illi l-Avukat Dottor Malcolm Pace bħala azzjonista tas-soċjeta' attriċi Pabros Limited ma għandu l-ebda dritt ta' azzjoni f'ismu proprju skond il-liġi."*

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-interess ġuridiku meħtieg sabiex persuna tkun tista' tipprocedi fil-Qorti b'kawża kontra persuna jew persuni oħra hija voluminuża. Fil-każ fl-ismijiet **Integrated-Capabilities (Malta) Ltd et vs Crowd Shout Holdings Ltd et deċiż fil-31 t'Ottubru 2016** il-Qorti qalet hekk-

*"Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawża **"Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta"** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk:-*

*"Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta` eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta u mal-prinċipji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta` utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet* **Manche` vs Montebello** *(Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet* **Camilleri vs Sammut** *(Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta` sentenzi caħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali (Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet* **Cortis vs Bonello** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

*Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa` fil-kawża (App. Ċiv. 17.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet* **Sammut et noe vs Attard** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża (Ara App. Ċiv. 3.12.1984 fil-kawża fl-ismijiet* **Borg vs Caruana** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-għadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Ċiv. 12.12.1983 fil-kawża fl-ismijiet* **Ignazio Gatt vs Michael Debono et***). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawża fl-ismijiet* **Axiaq vs Mizzi noe et** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku (App. Ċiv. 15.12.1932 fil-kawża fl-ismijiet* **Scolaro vs Bailey** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawża "***MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera***" din il-Qorti (PA/FS) qalet:-*

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet* **Maria Tabone et vs Joseph Schembri***, deċiża fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet: "Dwar il-kunċett ta` l-interess ġuridiku, jibda biex jingħad, li - Fil-kawża fl-ismijiet* **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-*

*II-299] ingħad li biex wieħed jista` jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] ġie ritenut li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.*

*L-interess irid ikun ġuridiku, ċioe` bbażat fuq xi dritt pretiż leż ta` l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588). Il-***Mattirolo*** *f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

*Il-liġi qegħda hemm biex tipproteġi dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa għalhekk, li jingħad li l-interess huwa l-miżura ta` l-azzjoni. L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali ċjoe' jrid joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara* ***Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett ta` l-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Hekk ġie ritenut fil-kawża* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *Appell Ċivili datat 17 ta` Frar 1993. Illi ġie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għall-jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku. (Ara* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *Prim Awla Qorti Ċivili deċiża fit-13 ta` Ottubru 1952,* ***Scolaro vs Bailey****, Appell Ċivili deċiż fil-15 ta` Diċembru 1932,* ***Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin****, Prim`Awla Qorti Ċivili deċiż fit- 28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-prinċipju ġie ribadit fil-kawża* ***Falzon Sant Manduca vs Weale****, deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun ġuridiku, jiġifieri jkollu l-elementi meħtieġa biex isawru l-interess ta` l-attur, iżda dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati tagħna, saħansitra taw deċiżjonijiet fis-sens li persuna għandha nteress li tiġi msejħa fil-kawża anke fejn la tista` tirbaħ il-kawża u lanqas tista` tiġi kkundannata, imma biss għaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet tagħha u għall-integrita` tal-ġudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Għalhekk jekk wieħed jipprova jiġbor dawn il-prinċipji fil-qasir wieħed jista` jgħid li l-interess ġuridiku:*

*-irid ikun attwali [jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta` jedd u jibqa` jeżisti fil-kors kollu tal-kawża]*
*- irid ikun dirett*
*- irid ikun leġittimu [konformi għal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*
*- irid ikun ġuridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*
*- l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta` vantaġġ u utilita`*
*- għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*
*- il-kawża li jipproponi tkun tista` tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*
*- Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir*
*- Ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista` jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv."*

*Illi fis-sentenza* ***Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*** *(App. Ċiv. (Imħ JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell sostniet:-*

*"Illi d-definizzjoni aċċettata fil-ġurisprudenza nostrana ta` interess ġuridiku hija dik tal-****Mortara*** *li jgħid li l-interess ġuridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto".*

*Illi għalkemm fis-sistema tagħna tista` tingħata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bażi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-aċċertament tiegħu permezz ta` l-awtorita` ġudizzjarja."*

*Fil-kawża* ***Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija fil-kwalita` tiegħu bħala Uffiċjal Prinċipali ta` l- Immigrazzjoni*** *(P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Ċit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi għal bosta snin il-Qrati tagħna fissru li l-elementi meħtieġa biex isawru interess ta` l-attur f`kawża huma tlieta, u jiġifieri li l-interess irid ikun ġuridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wieħed jifhem li dak l-interess għandu jkollu mqar iż-żerriegħa ta` l-eżistenza ta` jedd u l-ħtieġa li tilqa` għal kull attentat ta` ksur tiegħu minn ħaddieħor. Dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per eżempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "***Falzon Sant Manduca vs Weale***", maqtugħa fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***J. Muscat et vs R. Buttigieg et*** *(App. Ċiv. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal: "L-interess irid ikun a) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-eżistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tiegħu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pożittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fil-kawża deċiża mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 fl-ismijiet* ***George Laferla et vs Joseph Lauri et*** *ingħad li: "Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawża jrid jibqa` jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni, għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista` tissokta (ara "***Calleja vs Micallef***" deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "***Sammut vs Attard***" deċiża wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess ġuridiku, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attriċi naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. (****Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard****; App. Ċiv., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza oħra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *qalet li: "l-interess ġuridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni".*

*Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat din il-Qorti (PA/RCP) fis- 26 ta` April, 2012 fil-kawża "***Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et***" fejn ingħad hekk :-*

*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess ġuridiku tal-attur fil-mument li preżenta l-kawża huwa rilevanti li jingħad li "biex wieħed jipproponi domanda f`ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn li jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utli jew vantaġġjuż" ("**Beatrice Manche noe –vsMaria Montebello**" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduċi tali riżultat għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi" ("**Giuseppe Camilleri et –vs Giuseppe Sammut et**"P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-riżultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jiġi użufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta ("**Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et**" A.C. 27 ta` Mejju 1991; u "**Albert Calleja–vsOrazio Micallef**" A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kunċett tar-riżultat vantaġġuż jew utli, ossija ta` l-utilita` ġuridika issir riferenza għas-sentenzi fl-ismijiet "**Veronica Farrugia et –vs Mary Buhagiar**" (A.C. - 2 ta` April 1993) u "**Joseph Attard et –vs Paul Baldacchino**" (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

Fir-rapport tagħha l-perit legali Dr Ramona Frendo għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet –

*"Din l-eċċezzjoni ġiet sollevata mill-konvenut Emanuel A. Bonello u l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe.*

*18. L-istess konvenuti bbażaw din l-eċċezzjoni fuq l-argument illi anke jekk is-soċjeta' Pabros Limited, li tagħha Dottor Malcolm Pace huwa azzjonista, kellha xi dritt ta' lokazzjoni fuq il-lukanda Grand Hotel Excelsior, dan mhuwhiex dritt reali, u kwindi Dottor Malcolm Pace ma għandu ebda nteress ġuridiku fl-istess lukanda u l-ebda dritt ta' azzjoni f'ismu skond il-liġi.*

*L-esponenti f'dan l-istadju tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Mauro Attard vs Francis Buttigieg et** fejn l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati f'Għawdex, fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha qalet: "Huwa magħruf li d-dritt li l-konduttur jakkwista minħabba l-lokazzjoni huwa dritt personali, u mhux reali, u għalhekk il-konduttur ma jakkwista ebda dritt fuq il-ħaġa lilu mikrija, imma jakkwista biss id-dritt li jkollu mill-lokatur, it-tgawdija tal-ħaġa għaż-żmien tal-lokazzjoni." Fl-istess waqt, l-istess Onorabbli Qorti għamlet referenza wkoll għal dak illi qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Galea vs Luigi Galea**: "Il-konduttur li jiġi molestat fil-lokazzjoni b'għemil ta' terza persuna li tikkaġunalu molestja fit-tgawdija tal-ħaġa mikrija għandu, mingħajr ma*

*jippretendi ebda jedd fuq dik il-ħaġa, jista' jaġixxi kontra dik it-terza persuna fl-isem tiegħu."*

*19. Minn dan isegwi fl-ewwel lok illi, hekk kif issottomettew tajjeb il-konvenuti, il-lokazzjoni ma tat l-ebda dritt reali lis-soċjeta' Pabros Ltd u għalhekk l-istess soċjeta' ma akkwistat l-ebda dritt fuq il-ħaġa lilha mikrija, ħlief id-dritt għat-tgawdija tagħha. Jirriżulta wkoll illi Dottor Malcolm Pace kien ikun jista', konċettwalment, jaġixxi f'ismu proprju li kieku l-kawża odjerna kienet titratta l-molestja fit-tgawdija tal-lukanda. Iżda dan mhux il-każ odjern fejn l-atturi qegħdin jittentaw illi jimpunjaw l-att ta' komprovendita' tal-lukanda in kwistjoni.*

*Effettivament, il-kwistjoni tal-lokazzjoni ta' l-istess lukanda kienet ġiet trattata u deċiża fil-kawża fl-ismijiet* **Kavallier Lawrence Darmanin et noe vs Marcel Mifsud u Patrick Calleja et noe** *fejn, kif ser jiġi analizzat f'aktar dettall aktar 'l isfel f'dina r-Relazzjoni, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ iddikjarat risoluta l-lokazzjoni tas-soċjeta' Pabros Limited għall-Grand Hotel Excelsior.*

*Għaldaqstant, ċertament illi d-drittijiet lokatizji illi s-soċjeta' attriċi seta' kellha fuq il-lukanda mertu ta' dawn il-proċeduri ma jagħtu l-ebda dritt lil Dottor Malcolm Pace qua azzjonist ta' l-istess illi jaġixxi f'ismu personalment fil-proċeduri odjerni illi jitrattaw il-bejgħ ta' l-istess lukanda.*

*20. Madankollu, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet* **Cecil Pace pro et noe** *ċitata mill-konvenuti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, irriteniet illi "l-azzjoni li għandha tkun u hija permessa lill-atturi Pace personalment in vista tal-eċċezzjonalita' tagħha, għandha tkun strettament limitata għal dak li hu l-minimu meħtieġ biex jiġu salvagwardjati l-assi soċjali tas-soċjeta' MIDC Ltd, u ma għandha bl-ebda mod testendi biex teżawtora l-funzjonijiet statutorji tal-konvenut Bonello." Issa fil-każ odjern, il-konvenuti ssottomettew illi l-eċċezzjonalita' rikjesta fil-kawża hawn fuq ċitata ma teżistix għaliex, skond l-istess konvenuti, l-attur Dottor Malcolm Pace qiegħed jaġixxi mhux biex jissalvagwardja xi assi soċjali tas-soċjeta' Pabros Ltd, iżda sabiex sempliċiment jipprova jitlob it-tħassir ta' att ta' komprovendita' regolari u validu li t-tħassir tiegħu m'huwa ser jinfluwixxi bl-ebda mod fuq l-assi tas-soċjeta' Pabros Ltd.*

*F'dan ir-rigward, l-esponenti taqbel mal-konvenuti fis-sens illi konċettwalment, it-tħassir ta' l-att ta' komprovendita de quo fil-verita' ma jinfluwix fuq l-assi ta'*

*Pabros Limited. Dan għaliex Pabros Limited kellha l-pussess tal-Grand Hotel Excelsior biss b'titolu ta' kirja u mhux bħala proprjetarja. U kif ser jingħad aktar 'il quddiem.....il-bejgħ tal-proprjeta' mikrija, in prinċipju, ma jitterminax il-kirja.*

*21. Minn dan isegwi illi ma jistax jingħad illi permezz tal-kawża odjerna, l-attur Malcolm Pace qua azzjonista qiegħed ifittex illi jissalvagwardja l-assi soċjali tas-soċjeta' Pabros Limited. Dan għaliex kuntrarjament għall-kawża fl-ismijiet* ***Kavallier Lawrence Darmanin et noe vs Marcel Mifsud u Patrick Calleja et noe*** *(Ċit Nru 1942/1973/1) fil-kawża odjerna, tkun xi tkun id-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-validita' ommeno ta' l-att ta' komprovendita' de quo, dan mhux ser jimpinġi fuq l-uniċi drittijiet – ossia dawk lokatizji – illi s-soċjeta' Pabros Limited qatt kellha fuq il-lukanda.*

*Għaldaqstant fil-kawża odjerna, l-pożizzjoni ta' l-attur Malcolm Pace qua azzjonista, ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-eċċezzjonalita' impost fil-kawża* ***Kavallier Lawrence Darmanin et noe vs Marcel Mifsud u Patrick Calleja et noe*** *(Ċit Nru 1942/1973/1). Minn dan isegwi illi effettivament, l-istess attur ma kellu l-ebda dritt illi jistitwixxi din l-azzjoni f'ismu proprju.*

*22. L-esponent tirreferi għas-sottomissjoni ta' l-atturi fejn ġie argumentat illi fil-kawża odjerna huma d-diretturi illi għandhom ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' Pabros Limited u dan minħabba l-fatt illi l-ħatra tal-Kontrollur dejjem ġiet ikkontestata. F'dan ir-rigward, a skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti tagħmel ampja referenza għal dak illi jingħad taħt l-intestata Kunsiderazzjoni enumerata F.2 fejn hija qiegħda tissottometti illi l-atturi lanqas m'għandhom ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' Pabros Limited."*

Il-Qorti wara li ddeliberat dwar il-kunsiderazzjonijiet imressqa mill-perit legali Dr Ramona Frendo ma tarax li għandha osservazzjonijiet ulterjuri xi żżid stante li tikkondividi pjenament ma' dak li ngħad mill-perit legali u għalhekk tabbraċċjah u tagħmlu tagħha.

Jiġi nnutat li fin-Nota ta' Kritika tagħhom l-atturi argumentaw li fin-nuqqas ta' diretturi, l-azzjonisti jistgħu jaġixxu għan-nom tas-soċjeta' Pabros Ltd f'dawn iċ-ċirkustanzi "*partikolari u eċċezzjonali*" sabiex jipproponu l-azzjoni u jiddefendu d-drittijiet tagħha u jissalvagwardjaw l-interessi tas-soċjeta' u l-azzjonisti. Iżda

dawn l-argumenti diġa' ġew indirizzati b'mod eżawrjenti mill-perit legali u għalhekk mhux il-każ li l-Qorti tikkummenta ulterjorment.

**Fid-dawl tas-suespost l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' nteress ġuridiku tal-attur Dr Malcolm Pace sejrin jiġu akkolti.**

In vista tas-suespost, la legalment ħadd mill-atturi ma seta' jipproponi l-kawża odjerna ma hemm ebda lok li l-Qorti tipproċedi bil-kunsiderazzjoniijiet dwar il-bqija tal-eċċezzjonijiet u t-talbiet tal-atturi peress li l-konvenuti sejrin jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħdax -il eċċezzjoni tal-konvenut Kevin Dingli noe dwar il-kjamat in kawża tal-Gvern ta' Malta;**

**2. Tiċħad it-tielet eċċezzjoni imressqa mill-konvenut Emanuel A. Bonello pro et noe;**

**3. Tiċħad it-tielet u s-sitt eċċezzjoni tal-konvenut Dr Kevin F. Dingli noe;**

**4. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Dr Kevin F. Dingli, it-tieni eċċezzjoni tal-Kontrollur Emanuel A. Bonello u r-raba' eċċezzjoni tal-Ministru tal-Finanzi u l-Avukat Ġenerali u tiddikjara li l-atturi Carmelo Farrugia u l-Avukat Dottor Malcolm Pace m'għandhomx rappreżentanza ġuridika ta' Pabros Ltd;**

**5. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Dr Kevin F. Dingli u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Emanuel A Bonello dwar in-nuqqas ta' nteress ġuridiku ta' Dottor Malcolm Pace f'ismu proprju;**

**6. Tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**7. L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-atturi solodalment bejniethom salv għall-eċċezzjonijiet ta' Dr Kevin F. Dingli u Emanuel A. Bonello li ġew miċħuda u li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom rispettivament dawn iż-żewġ konvenuti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**